**272. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## KIRI TA' ART FIL-BAJJA TA' SAN ĠORĠ F'SAN ĠILJAN, LILL-HOLIDAY SERVICES COMPANY LIMITED

Billi l-Gvern tar-Repubblika ta' Malta biħsiebu jikri lill-Holiday Services Company Limited art fil-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan għat-turiżmu u skopijiet anċillari kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' Ftehim imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, għaż-żmien bil-kera u taħt il-kundizzjonijiet li jinsabu fl-istess Abbozz ;

Billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-sub-artikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjetà tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond rizoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati ;

Għalhekk huwa b'dan rizolut li l-art fil-Bajja ta' San Ġorġ, f'San Ġiljan kif deskritta aħjar fl-Abbozz ta' ftehim li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tiġi mogħtija lill-Holiday Services Company Limited għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kundizzjionijiet imsemmija fl-istess Abbozz.

**18.07.1980**